18 ta' Gunju, 1945.

Imhallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Giovanni Vassallo *versus* Violet Camilleri

**Sponsali — Danni — Rigali — "Engagement Ring" — Art. 1569 u 1570 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868.**

*Hemm rigali li jibqghu ta' proprjetà ta' dak fost l-gharajjes li jaghmilhom lill-parti l-ohra, li taghhom il-parti l-ohra ghandha sem-*

*pliċement l-użu, u li għalhekk għandhom jiġu ritornati lid-donanti jekk iż-żwieġ ma jsirx.*

*Imma hemm rigali oħra totalment distinti, jiġifieri veri donativi, li wieħed mill-għarajjes jagħmel lill-parti l-oħra u li jibqgħu tad-donatarju meta iż-żwieġ jisfratta bi ħtija tad-donanti.*

*Iċ-"engagement ring" għandu n-natura ta' kaparra, u għalhekk anki dan iċ-ċurkett jibqa' tad-donatarju meta iż-żwieġ ma jsirx għall-ħtija tad-donanti. Dan jirriferixxi għaċ-ċurkett li l-għarusa jew niesha huma soliti jagħtu lill-għarus fl-okkażjoni tal-għerusija skond l-użu antik. Imma, billi minn xi żmien 'il hawn daħal użu, almenu f'ċerti klassijiet tal-popolazzjoni, li f'dik l-okkażjoni anki l-għarus jagħti ċ-ċurkett lill-għarusa, huwa evidenti li anki dan iċ-ċurkett huwa suġġett għall-istess regoli bħall-"engagement ring".*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re, fejn ippremetta illi bi ħtija tal-konvenuta l-għerusija bejn il-kontendenti inkisret, u talab li l-konvenuta tiġi kundannata tirrestitwilu fi żmien qasir u perentorju l-oġġetti u l-flus indikati fil-prospett 'A', li hu kien taha in kontemplazzjoni taż-żwieġ, u tirriżarċilu d-danni kollha dovuti għar-reżiliment tagħha; liema danni għandhom ikunu likwidati anki permezz ta' periti; bl-imgħax legali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' l-elevazzjoni tal-11 ta' Ottubru 1943, kontra l-konvenuta;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re fid-9 ta' April 1945, fejn ċaħdet it-talba ta' l-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu; wara li kkunsidrat:

Illi l-kontendenti damu għarajjes minn April 1943, sat-22 ta' Settembru ta' l-istess sena, iżda wara xi xhur l-attur deherlu li l-appellata kienet indifferenti għalih........... u ġurnata ħassar l-għerusija u talab lura r-rigali u ħadhom; imma huma kienu għamlu paċi, ....................iżda l-appellant ħin bla waqt ħassar l-għerusija għax deherlu li l-għarusa ma kellhiex kollox lest; ..............u kienet x'kienet ir-raġuni, ċertament ma kienetx kawżata mill-appellata, iżda minnu stess..............; illi għalhekk, skond l-art. 1570 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, l-attur ma għandux dritt la għad-danni

u lanqas ghar-rigali li ta lill-appellata fl-okkażjoni tal-gherusija;

Rat in-nota ta' l-appel ta' l-attur u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi dik is-sentenza tiġi revokata, u t-talba ta' l-attur *tkun milqugħa bl-ispejjeż;*

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-gravami ta' l-appellant huma dupliċi:— (1) Illi l-attur kien obligat iħassar l-gherusija minħabba l-atteġġjament ta' l-appellata; (2) illi subordinatament, anki jekk il-ħtija hija ta' l-appellant, iċ-ċurkett bid-djamanti, l-arloġġ tal-metall, u l-par żarbun jew flus, huma restitwibili għaliex mogħtija lill-konvenuta in kontemplazzjoni taż-żwieġ;

Fuq l-ewwel gravam, sewwa rriteniet l-Ewwel Qorti....... illi l-appellata ma kellha ebda ħtija li l-gherusija tħassret; il-ħtija kienet kollha ta' l-appellant li ried jindaħal f'kollox...............;

Tikkunsidra;

Illi in applikazzjoni ta' dak li din il-Qorti rriteniet fil-kawża ċitata mill-appellant, "Brincat vs. Borg" fis-16 ta' Novembru 1942, hemm rigali li skond l-art. 1569 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, għandhom jibqgħu ta' proprjetà ta' min jagħmel ir-rigal, u għalhekk il-parti l-oħra jkollha sempliċement l-użu tagħhom; iżda dawn huma totalment distinti minn dawk id-donativi, veri donazzjonijiet fis-sens ġuridiku tal-kelma, li wieħed mill-gharajjes jagħmel lill-ieħor; għax in riferenza għal dawn, il-proprjetà tgħaddi immedjatament mid-donant għad-donatarju. Allura għal dawn isir applikabili l-art. 1570, anki fit-tieni paragrafu tiegħu, fil-każ li l-gherusija tħassret minħabba ħtija tad-donanti. Għalhekk fuq it-tliet oġġetti fuq indikati għandu jiġi eżaminat jekk dawn kienux sempliċi rigali li min-natura tagħhom jidher illi d-donatarju kellu s-sempliċi użu, jew inkella akkwista l-proprjetà tagħhom (ara anki f'dan is-sens sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili in re "Portelli vs. Grech" tat-2 ta' April 1910 — Kollez. Vol. XXI — II — 210);

Tikkunsidra;

Illi in riferenza għall-arloġġ u għal par żarbun, dawn huma evidentement rigali li l-attur bħala għarus ta lill-għarusa tiegħu waqt l-għerusija. L-okkażjoni ta' dawn ir-rigali hija ċertament l-istat tal-għerusija, għax kieku ma kienx hemm dak l-istat l-attur ma kienx jagħmel dawn ir-rigali; iżda skond in-natura tagħhom għandhom ikunu kunsidrati bħala veri donativi, mhux għas-sempliċi użu tal-għarusa kif inhu kontemplat fl-art. 1569 fuq imsemmi, iżda bħala vera donazzjoni; u għalhekk ma jaqgħux taħt dak li jiddisponi dak l-artikolu. Hija ħaġa magħrufa u f'użu tal-għarajjes illi waqt l-għerusija jsiru dawn ir-rigali, u fl-intenzjoni tal-partijiet dawn huma veri donativi, mhux ta' sempliċi użu, iżda ta' passaġġ tal-proprjetà mid-donanti għad-donatarju;

Tikkunsidra;

Illi fuq l-"engagement ring", dan għandu n-natura tal-kapparra. Infatti, kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-10 ta' Jannar 1840 in re "Dr. Michele Camenzuli vs. Grazia Ellul" (Kollezzjoni antika tad-deċiż.. Deċiż. LI, pag. 67), "l'anello poi, in particolare, di uso ugualmente antichissimo presso quasi tutte le nazioni, era presso i romani il simbolo della fede che deve assicurare ogni promessa, e si dava in qualità di pegno o caparra nelle contrattazioni che tra loro seguivano. come si evince dal paragrafo 'si quis' L. II. ff. de act. empt. et vend..............; "differunt", hekk Tolosano, ċitat f'dik is-sentenza, "autem arrhae sponsalitiae a sponsalitia largitate ut sponsalitia largitas proprius sit contractus, quod arrhae non sit donatio ut sponsalitia largitas, sed veluti pignus";

Dan jirriferixxi għaċ-ċurkett li l-għarusa jew niesha kienu soltu jagħtu lill-għarus fl-okkażjoni tal-għerusija skond l-użi ta' Malta indikati f'dik is-sentenza, u li l-għarus jagħti lill-għarusa skond il-kostumanzi tar-Rumani. Iżda minn dak iż-żmien li ġiet mogħtija dik is-sentenza daħal użu kważi ġenerali f'Malta, almenu f'ċerti klassijiet tal-popolazzjoni, illi meta ssir l-għerusija l-għarus jagħti anki lill-għarusa l-"engagement ring"; u allura huwa evidenti illi dak għandu jservi bħala "arrha sponsalitia". Iżda bħala arra, skond in-natu-

ra tagħha, huwa applikabili l-art. 1570 fuq imsemmi, għax dik hija preċiżament in-natura ta' l-arra, illi l-oġġett jibqa' għand il-parti li rċeviet dik l-arra jekk ir-reżiliment sar inġustament mingħand il-parti l-oħra;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti sa fejn kompatibili;

Tirrespinġi l-appell ta' l-attur, u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fuq imsemmija, bl-ispejjeż kontra l-attur appellant.